7 ta' Jannar, 1967

**Imhallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Maria Concetta Scicluna et

*versu*

Carmelo Mellı et noe

**Zwieġ — Kuntratt ta' — Komunjoni tal-Akkwisti, esklussjoni ta' — *Wirt* — *Successjoni* — *Legittima* — Legat *rimuneratorju* — Assenzjazzjoni — Sorteġġ — Fruitt ta' — Dotarju — Legat.**

*Il-miżżewġin jistgħu jeskludu b'kuntratt l-kommunjoni tal-akkwisti mir-relazzjonijiet ta' bejniethom.*

*Il-leġittima hija biss kwota mill-beni li jħalli d-decujus u għalhekk dan jista' jiddisponi kif irid mill-beni tiegħu, salva l-limitazzjoni tal-kwantità. Il-leġittima għandha tiġi konsegwita b'assenjazzjoni u mhux b'sorteġġ, li jsir bejn l-eredi. Il-frutti li jiddekorru favur il-leġittimarju huma biss dawk li jiddekorru fuq il-beni li jiġu assenjati b'sodisfazzjoni tal-leġittima.*

*Il-legat rimuneratorju għandu jitqies bħala debitu tal-eredità fil-kalkolu tal-leġittima.*

*Il-legat li jiġi mħolli lill-mara għandu jitqies illi ġie mħolli b'sodisfazzjoni tad-dotarju dovut u mhux xort'oħra.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi premessi kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment analogu; u premess illi t-13 ta' Mejju, 1947 miet Giuseppe Meli (Dok. A) b'testment unica carta magħmul flimkien ma' martu l-konvenuta Marianna Meli fl-atti tan-Nutar Emmanuele Agius fit-12 ta' Novembru, 1943 (Dok. B) fejn ħalla fost dispożizzjonijiet oħra lill-konvenut Carmelo Meli eredi universali tiegħu u lill-konvenuta Marianna Meli l-użu u l-użufrutt ta' l-assi in ġenerali tiegħu u lill-attriċi oħtha Orade Camilleri l-leġittima li tmisshom skond il-liġi u premess illi l-konvenuti għalkemm ġew rikjesti biex jaddivjenu għal-likwidazzjoni u pagament tal-leġittima lill-attriċi spettanti fuq il-wirt fuq imsemmi sal-lum għadhom ma waslux għal-likwidazzjoni u pagament ta' tali leġittima; u premessa illi jista' jkun hemm lok għar-riduzzjoni tal-legat ta' użufrutt mħolli lill-konvenuta Marianna Meli stante l-fatt illi jista' jilledi l-leġittima lilha spettanti talbet illi (1) tiġi stabbilita u likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti magħmula bejn l-imsemmi Giuseppe Meli u l-konvenuta Marianna Meli billi jiġi dikjarat li tikkonsisti fil-beni elenkati fl-annessi nota (Dok. C) u f'dawk

is-sostanzi kollha li jirriżultaw waqt il-kawża (2) tali komunjoni hekk firmata u likwidata tiġi maqsuma f'żewġ porzjonijiet ugwali, li waħda minnhom tiġi assenjata lill-wirt tal-imsemmi Giuseppe Meli u l-oħra lill-konvenuta Marianna Meli; (3) jiġi firmat u likwidat l-assi partikolari ta' l-imsemmi Giuseppe Meli billi jiġi dikjarat u jikkonsisti f'nofs il-beni komuni ġa msemmija fil-beni msemmija fl-annessa nota (Dok. D) u f'dawk is-sostanzi kollha li jirriżultaw waqt il-kawża (4) prevja jekk hemm bżonn ir-riduzzjoni tal-legat ta' użufrutt imħolli lill-konvenuta Marianna Meli in kwantu jilledi l-leġittima spettanti lill-attriċi, tiġi likwidata u assenjata lill-attriċi l-leġittima li tmissha skond il-liġi mill-imsemmi assi ta' Giuseppe Meli u (6) jiġi nominat Nutar biex jippubblika l-att relattiv fil-jum, post u ħin li tistabbilixxi din il-Qorti, kuraturi biex jirrappreżentaw il-kontumaċi u periti okkorrendo għal-likwidazzjoni fuq imsemmija; bl-ispejjeż.

Omissis

Ikkunsidrat;

Li l-attriċi qegħda titlob il-likwidazzjoni u l-ħlas tal-leġittima lilha mħollija minn missierha Giuseppe Meli fit-testment unica carta, magħmula flimkien ma' martu, il-konvenuta Marianna Meli, fl-atti tan-Nutar Emmanuele Agius fit-12 ta' Novembru, 1943.

Li, għal dina t-talba, ġew premessi kif soltu jsir żewġ talbiet u cioè (1) li tiġi stabilita u likwidata l-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejn id-decujus u martu Marianna Meli; u (2) u li dina l-komunjoni tiġi maqsuma f'żewġ porzjonijiet ugwali, li waħda minnhom tiġi assegnata lill-wirt ta' Giuseppe Meli, u l-oħra lill-konvenuta Marianna Meli martu.

Li, inoltre, saret ukoll talba jekk hemm bżonn, għar-riduz

zjoni tal-legat tal-użufrutt mħolli lill-konvenuta Marianna Meli, in kwantu jilledi l-leġittima spettanti lill-attriċi.

Li, qabel ma teżamina t-talbiet l-oħra dwar il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-leġittima, il-Qorti sejra tiddeċidi neċessarjament l-ewwel żewġ talbiet flimkien mal-oħra għar-riduzzjoni tal-legat tal-użufrutt, biex jiġi żgumbrat it-terren min diffikultajiet li jistgħu ifixklu inutilment il-kors tal-iżvolġiment normali ta' dina l-kontraversja.

Ikkunsidrat;

Li l-ewwel żewġ talbiet saru inavvertitament, għaliex jidher li l-attriċi, meta għamlet dina l-kawża ma kienetx a konjizzjoni tal-fatt li bejn missierha u l-konvenuta Marianna Meli kienet saret kitba taż-żwieġ fl-atti tan-nutar Salvatore Borg Olivier tat-13 ta' Mejju 1909. Dana d-dokument ġie esibit mill-konvenuta Marianna Meli fis-seduta tat-8 ta' Marzu, 1951 u fih stipulat il-patt tal-esklużżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, b'dawna l-kliem: "I suddetti sposi derogano alla comunione degli acquisti contemplata nell'articolo mille otto cento sessantotto, ed espressamente escludono, detta comunione tra di loro, e vogliono che detti acquisti spettino a chi li avesse fatti per intero durante detto matrimonio".

Li, skond l-art. 1360(1) tal-Kodiċi Ċivili ż-żwieġ li jsir f'dawna l-Gżejjer iġib "ipso jure", bejn ir-raġel u l-mara l-komunjoni tal-akkwisti, meta ma jkunx hemm ftehim xort'oħra b'att pubbliku. Fil-ġurisprudenza ġie milqugħ dana l-prinċipju fis-sens li b'att pubbliku l-għarajjes jistgħu jeskludu l-komunjoni tal-akkwisti, jew jistabilixxu kif għandhom jiġu maqsuma bejniethom l-akkwisti li jsiru waqt iż-żwieġ. (Kollez. XXVII, i, 293).

Li l-imsemmija klawsola hija ċara u kategorika; u għal-

hekk l-imsemmija żewġ domandi għandhom jiġu miċħuda; salv dak li sejjer jiġi provdut dwar il-kap tal-ispejjeż.

Ikkunsidrat;

Li dwar l-allegata lesjoni tal-leġittima spettanti lill-attriċi min fuq l-assi patrimonjali ta' missierha, il-Qorti waslet għall-konklużjoni, li dina ma ġiet b'ebda mod preġudikata, bid-dispożizzjoni testamentarja tiegħu fejn ħalla l-użufrutt ġenerali ta' ħwejġu lill-martu, għaliex kif sejjer jiġi stabilit aktar 'il quddiem, hemm sustanzi biex dina l-leġittima tiġi sodisfatta.

Li, inoltri, m'għandhux jintnesa li l-leġittima skond il-liġi tagħna, hija biss kwota mill-beni li jħalli d-decujus, u għal-hekk dana jista' jiddisponi kif irid mill-beni tiegħu, mingħajr distinzjoni tal-ispecie tagħhom, imma biss bil-limitazzjoni tal-kwantita; (Kollez. XXXIV, ii, 574).

Li għalhekk ma tidhirx applikabbli, fil-każ in eżami, id-dispożizzjoni tal-art. 658 tal-Kodiċi Ċivili, għaliex l-ipotesi hemm kontemplata ma ġietx imqanqla mill-attriċi, li bħala le-ġittimarja kienet arbitra li tissollevaha għall-fini tal-lesjoni tal-leġittima li setgħet tidderiva lilha mill-kostituzzjoni tal-imsemmi użufrutt. (Kollez. XXXIII, ii, 362).

Li, għalkemm it-talba fuq riferita saret għal bżonn u fil-każ li l-leżjoni prospettata setgħet eventwalment tavvera ruħha fil-kors tal-likwidazzjoni tal-assi ta' Giuseppe Meli, eppurè l-Qorti ma setgħetx tinjoraha, għaliex minnha setgħet tiddependi l-likwidazzjoni tal-istess leġittima bil-modifika jew bl-għażla konsegwenzjali a diskrezzjoni tal-leġittimarju, preveduti fl-art. 658 fuq ċitat. Dana jfisser li l-ispejjeż relativi għal dina t-talba għandhom jiġu regolati bħal kieku ġiet deċiża, kif sejjer jiġi provdut aktar 'l isfel.

Ikkunsidrat;

Li, kwistjoni oħra li tixraq li tiġi eżaminata hija dik rigwardanti l-legat tal-pensjoni vitalizja ta' xelin (1s0d) kull jum imħolli mill-miżżewġin Meli fl-art. 4 tat-testment tagħhom fuq riferit, lil Maria Portelli, li għandu jibda jseħħ mill-ġurnata ta' wara *dik li fiha ikun miet is-superstiti fosthom, u għal tul il-ħajja* kollha tal-legatarja.

Li, trattandosi ta' legat rimunetarju, a differenza ta' fondazzjonijiet u piżijiet oħra, il-leġittimarja ma tistax tkun eżenti minnu, u għandha tgħodd dana l-legat bħala debitu tal-eredità, u tbati sehemha mill-ħlas tiegħu. Dana l-prinċipiu jinsab ribadit fil-ġurisprudenza li rriteniet li: "la donazione rimuneratoria non è riducibile, perchè non e gratuita" (Kollez. VII, 453; XVIV, ii, 287).

Li, il-perit legali issottometta mod prattiku kif għandu jitħallas dana l-vitalizju fil-paragrafu XLIII tar-relazzjoni. Però l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tidħol f'dina l-kwistjoni, u mhux sejra tadottah fl-interezza tiegħu:—

1) għaliex dana d-dejn għandu jitħallas mill-eredi; u l-attriċi tidħol biss f'dana l-kreditu, in kwantu jiggrava fuq il-patrimonju tad-decujus, u għalhekk għandu jitnaqqas minnu;

2) għaliex il-legatarja mhix fil-kawża; u ma jkunx ġust li jiġi stabilit il-mod tal-pagament mingħajr il-preżenza u l-assens tagħha; u kwindi, kull ma ssuġġerixxa il-perit fis-sens premess ikun għal-legatarja "res inter alios acta."

3) għaliex għadu mhux ċert u likwidu l-ammont tal-kumpens li sejjer iħallas il-Gvern għall-espropriazzjoni tal-*fondi li fuqhom ġie kostitwit l-imsemmi vitalizju.*

Li, però, il-Qorti għal fini tal-"quantum" li għandu jiġi ridott mill-attur tal-patrimonju tad-decujus qegħda tadotta l-korrispettiv tal-kumpens, stabilit mill-perit legali fuq il-parir tal-Perit *Paul Mercieca*, li għandu *jkun ta' mitejn* u sitt liri (£206). Tibqa' b'daqshekk impreġudikata l-kwistjoni tal-kumpens li għandu iħallas il-Gvern u kwalunkwe *pretensjoni* li jista' jkollha l-istess legatarju dwar dak il-kumpens u dwar il-mod tal-pagament tal-istess vitalizju.

Ikkunsidrat;

Li, huwa xieraq ukoll li jiġu eleminati xi diffikultajiet oħra prospettati mill-perit legali.

Li. Giuseppe Meli fis-sena 1901 kien iżżewweġ ma Maria Cauchi. u *tmien snin wara żżewweġ mal-*konvenuta Marianna neė Galea.

Ma jirriżultax li d-decujus kellu xi tfal mill-ewwel żwieġ; u anqas ma ġie pruvat li huwa llikwida mill-eredi ta' martu dak li setgħu akkwistaw bejniethom. Ma l-ewwel mara kien hemm l-komunjoni tal-akkwisti u ġiet stipulata *kitba taż-żwieġ* riċevuta min-Nutar Chierico Giuseppe Rossi fit-28 ta' Jannar. 1901. Sal-lum għaddew kważi ħamsin sena u għalhekk kwalunkwe *eventwali* dritt tal-interessati f'dana l-wirt jista' jiġi konsidrat bħala estint.

Li, il-Qorti taqbel ukoll mal-perit legali; li m'għandiex issir distinzjoni bejn il-beni li Giuseppe Meli kellu jagħti sodisfazzjoni tagħhom lill-ħutu, u oħrajn li ma kienux soġġetti għal dina s-sodisfazzjon; u għal fini ta' dina l-kawża qegħda tikkunsidrahom bħal tiegħu billi l-allegazzjonijiet ta' Rosina Gruppetta (fol. 169) ma jidhirx li qatt immaterjalizzaw, fis-sens li d-decujus ġie b'xi mod mitlub rendikont tagħhom jew likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-istess effetti li suppost kienu

jifformaw parti mill-wirt ta' Maria Meli, omm l-istess Gruppetta u d-decujus, li mietet fis-sena 1926.

Ikkunsidrat;

Li, meħuda in konsiderazzjoni l-esklużzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn Giuseppe u Marianna Meli, irid issa jiġi stabilit liema huma l-beni mobili u mmobili li jifformaw l-assi partikolari tad-decujus, li fih għandhom jidħlu dawk il-beni kollha tiegħu sija anterjuri għaż-żwieġ mal-konvenuta Marianna Meli, kif ukoll dawk minnu akkwistati waqt iż-żwieġ ma Marianna Meli.

Li, il-Qorti issa ssib ineżatta l-lokuzzjoni ta' l-ewwel parti tat-tielet domanda, u għalhekk f'dana l-assi m'għandhomx jiġu kunsidrati l-beni provenjenti mill-akkwisti konjugali, billi l-komunjoni relativa ġiet eskluża; iżda dawk il-beni kollha akkwistati mid-decujus, indipendentement mill-fatt jekk dawna l-akkwisti sarux qabel jew fil-kors taż-żwieġ mal-konvenuta Marianna Meli.

Li, l-assi partikolari ta' Giuseppe Meli jikkonsisti f'beni mmobili u mobili.

Omissis

Ikkunsidrat;

Li l-Qorti taqbel mal-konklużjoni li għaliha wasal il-perit legali, dwar id-dotarju ta' £500 promess lill-konvenuta Marianna Meli, mid-decujus fil-kitba taż-żwieġ fuq riferita.

Li f'dina l-materja sservi ta' gwida dak li tiddisponi l-liġi, fejn tgħid li dak kollu li t-testatur, b'kull xorta ta' titolu, ikun ta jew ħalla lill-martu, jingħad, fil-każijiet kollha, meta ma

hemmx dikjarazzjoni kuntrarja, mogħti jew imħolli akkont tad-dota u tad-dotarju (art. 676 Kod. Ċiv.).

Li, jirriżulta li d-decujus ħalla lill-martu l-użufrutt ta' ħwejġu, li mietet ta' ċirka 82 sena; u għalhekk żgur li kienet għalqet erbgħin sena meta wirtet dana l-użufrutt. F'dana l-każ, biex tiġi faċilitata u riżoluta dina l-kwistjoni, il-Qorti qegħda tadotta d-dispożizzjoni tal-art. 10(b)(i) tal-Kap. 70 tal-Liġijiet ta' Malta, li bis-saħħa tagħha l-użufrutt taħt l-eżami jiġi stmat bħala kwart (¼) tal-valur ġust tal-beni soġġetti għall-użufrutt.

Li, għall-fini tas-soluzzjoni ta' dina d-diffikoltà huwa biżżejjed li jiġi stabilit jekk il-valur tal-użufrutt jissuperax jew le l-import tad-dottarju. M'hemmx bżonn li l-indaġini titwal; għaliex il-kwart biss tal-valur tal-fond ta' St. Paul's Street, Valletta, li huwa stmat £3148, jissupera waħdu l-import tad-dotarju. U "de hoc satis", biex jiġi riteħut li dana d-dritt ta' Marianna Meli jinsab eliminat.

Ikkunsidrat;

Omissis

Li, eliminata l-kwistjoni tar-riduzzjoni tal-legat tal-użufrutt bil-mod ġa fuq espost, il-kompitu li fadlilha l-Qorti hija li tillikwida u tassenja lill-attriċi l-leġittima mill-assi ta' Giuseppe Meli, kif fuq stabilit.

Li, billi t-tfal ta' Giuseppe Meli huma tlieta, l-attriċi messha terz, iġifieri, waħda minn disgħa part (1/9) tal-imsemmi ġid. Għalhekk il-valur ta' dina l-leġittima huwa ta' £709.3.7 ⅓ ekwivalenti għall-1/9 ta' £6383.8.6 li hu l-valur komplessiv tal-patrimonju ta' Giuseppe Meli.

Li mill-imsemmi ammont l-attriċi trid tnaqqas is-£70 li għandha tikkonferixxi, billi timputahom għal-leġittima li messha, u hekk l-ammont tal-leġittima tagħha jiġi in definitiva stabilit fis-somma ta' £639.3.7 ¼.

Ikkunsidrat,

Li l-Qorti taqbel mal-pjan tal-assenjazzjoni lill-attriċi tal-beni li għandhom jifformaw il-leġittima tagħha, kif suġġerit mill-perit fl-aħħar parti tal-para XLVII tar-relazzjoni, u qegħda tadottah fl-interezza tiegħu, b'xi modifika li kienet meħtieġa bħala konsegwenza tal-alterazzjoni tal-valur tal-istabili ġa fuq indikata; u għalhekk l-import tal-leġittima għandu jonqos mis-somma ta' £2.17.4; iġifieri mill-elenku ndikat mill-perit fil-para. fuq ċitat, għandhom jiġu esklużi l-partita taħt in-numru (11) li tirrappreżenta kwadru żgħir tal-valur ta' tmintax-il xelin (18s), u l-partita taħt in-numru (21) li tirrappreżenta pupa mudell tal-ħjata tal-valur ta' żewġ liri. (£2.0.0).

Ikkunsidrat;

Li dina l-leġittima għandha tiġi konsegwita mill-attriċi b'assenjazzjoni; għaliex is-sorteġġ isir bejn l-eredi u mhux fil-konfront ta' dawna mal-leġittimarju; u d-debituri tagħha huma l-eredi. Għalhekk f'kawża bħal dina hemm bżonn li jiġi verifikat min huma l-eredi. Mhux biżżejjed li wieħed ikun imsejjaħ għall-wirt, imma hemm bżonn li dana l-wirt ikun ġie aċċettat espressament jew anki taċitament. Il-fatt li l-konvenut Carmelo Meli, jinsab imħarrek f'dina l-kawża f'dik il-kwalità, u qiegħed isostniha f'dik il-kwalità, mingħajr oppożizzjoni jew protesta da parti tiegħu, jimplika li huwa aċċetta l-eredità ta' Giuseppe Meli (*Kollez.* XXXVIII, 551); u dana a parti atti oħra ta' eredi minnu kompjuta qabel u fil-kors ta' dana l-ġudizzju.

Li, fl-assenjazzjoni tal-leġittima *kif fuq stabilita*, għalkemm qegħda tiġi konsegwita in-natura, ma kienx materjalment possibili li fiha tiġi mdaħħla parti min kwalunkwe waħda mis-sustanzi li jikkomponu l-assi patrimonjali tad-decujus.

Li, kontra dana l-kriterju, kif adottat mill-Qorti, ma hemm xejn li jista' jimpedih; il-ġurisprudenza hija favur l-applikazzjoni tiegħu (Kollez. XXXIV, 568) għaliex l-għażla tispetta lill-Qorti (Kollez. XXVIII, ii, 484) meta fl-assi ma jkunx hemm affarijiet jew beni ta' kull xorta jew il-valur tal-leġittima ma jippermettix l-inklużjoni fiha ta' parti mill-benì kollha li jikkomponi l-assi, mingħajr ma tiġi superata l-istess konsistenza tal-leġittima (Kollez. XXXIII, 88).

Ikkunsidrat;

Li l-leġittimarju għandu dritt għall-frutti min dik inhar tal-apertura tas-suċċessjoni. Iżda dana d-dritt huwa limitat għall-frutti tal-beni li jikkomponu l-leġittima, u mhux għall-frutti kollha tal-beni l-oħra ereditarji, billi l-leġittimarju ma jipparteċipax minnhom; għax "fructus augent haereditatem", fil-konfront tal-eredi; u billi l-leġittimarju mhux eredi, il-frutti lilu spettanti huma dawk biss, "non come costituenti un aumento della somma, o valore principale della leġittima, ma come accessorio della stessa" (Kollez. IX, 297; XXVI, ii, 1; XXXIV, ii. 568).

Li għalhekk il-Qorti mhiex sejra tieħu konjizzjoni talprospett tal-frutti esibit *a fol.* 472 inkassati mill konvenut Carmelo Meli, kif ukoll tal-proventi oħra li ġew jew setgħu ġew realizzati mill-beni ereditarji, bħal ma huma interessi fuq kapitali tal-wirt; għaliex, fost raġunijiet oħra, m'għandux jintnesa li l-keriet kienu jappertjenu lill-konvenuta Marianna Meli bħala użufruttwarja ġenerali ta' żewġha.

Li, mill-beni li ġew assenjati lill-attriċi, il-fond ta' Buġibba Road, San Pawl il-Baħar, u dak rustiku ta' "Wied il-Mielaħ", f'Għawdex, kienu prodotturi ta' frutti, ċioè kera u qbiela. Għaldaqstant l-attriċi għandha tikkonsegwixxi l-kera li daħal mill-fond ta' Buġibba, u l-qbiela li pproduċiet l-gnalqa "ta' wied il-Mielaħ", mill-ġurnata tal-mewt ta' Giuseppe Meli, sa meta dawna l-fondi jiġu definitivament assenjati lill-attriċi, wara li jitnaqsu ċ-ċnus li tħallsu relattivament għad-dar, u l-interusuri ta' Kapital bollati li tħallsu relativament għall-għalqa fuq imsemmija.

Ikkunsidrat;

Li, irriżulta li Giuseppe Meli kien prokuratur ta' ħutu Marianna u Assunta aħwa Meli, xebbiet li kienu interdetti, u kellu taħt idejh xi għamara, oġġetti tal-metal prezzjuż u xi flus, li baqgħu taħt idejh meta mietu dawk iż-żewġ ħutu, u qasma tal-wirt ma rriżultax li saret; u għalhekk, konformement ma dak li ġa ġie preċedentement affermat f'dina s-sentenza, jixraq li favur l-attriċi ssir riserva għal nona parti tal-attiv jew passiv li talvolta jista' 'l quddiem jirriżulta mis-suċċessjoni tal-imsemmija żewġ aħwa Meli; kif ukoll għal kull immobbli jew ħaġa oħra ġa fuq imsemmija, li ma hiex kompriża fil-likwidazzjonijiet tal-assi tad-decuius, li qegħda ssir b'dina l-kawża.

Ikkunsidrat;

Li l-fatt li Marianna Meli mietet fil-mori tal-ġudizzju, ma jista' jinfluwixxi xejn fuq l-eżitu ta' dina l-kawża, għaliex l-attriċi qegħda titlob l-assenjazzjoni tal-leġittima lilha mħollija minn missierha; u b'ebda mod l-assi patrimonjali ta' l-istess Marianna Meli ma jista' japporta xi modifika fil-likwidazzjoni tal-assi ereditarju ta' żewġha, anki in vista taċ-ċirkostanza li bejn il-miżżewġin Meli, ġiet eskluża l-komunjoni tal-akkwisti.

Li, imbagħad, għalkemm Marianna Meli għamlet dispożizzjonijiet partikulari wara l-mewt ta' żewġha bit-testment riċevut minn Nutar Dr. Joseph Vella Galea fl-14 ta' April, 1957, dina llimitat ruħha għan-nomina biss ta' eżekutur testamentarju u b'ebda mod ma mmodifikat fis-sustanza tiegħu t-testment "unica carta" li kienet għamlet ma żewġha fl-atti tan-Nutar Emmanuele Agius fit-12 ta' Novembru, 1943; u għalhekk l-attriċi u l-konvenuta Orade Camilleri baqgħu leġittimarji tagħha u l-konvenut Carmelo Meli eredi universali.

Li, fl-aħħarnett, il-Qorti hija tal-fehma li l-qobra imsemmija fil-para. LII tal-perizja legali m'għandhomx jidħlu f'dina l-likwidazzjoni għall-fini tal-kalkolu tal-leġittima, għaliex fit-testment tiegħu Giuseppe Meli ħalla dawna l-qobra in komuni bejn is-suċċessuri tiegħu, u fl-art. 8 ta istruzzjonijiet dwar min kellu jindifen fihom, fosthom uliedu kollha bid-dixxendenti tagħhom.

Ikkunsidrat;

Li fuq il-kap tal-ispejjeż, billi normalment f'kawża bħal dina, għandhom jiġu sopportati kollha mill-eredi (Kollez. XXIV, i, 445; App. "Camilleri vs. Sammut" deċiża fil-5 ta' Marzu, 1920) f'dana l-każ partikolari jrid isir temperament għar-rigward tal-ispejjeż provokati inutilment bid-deduzzjoni ta' l-ewwel u tat-tieni talba, u dawk relativi għat-talba tal-allegata lesjoni tal-leġittima.

Għal dawna l-motivi;

Tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel u t-tieni talba bl-ispejjeż kontra l-attriċi, tilqa' t-tielet talba fis-sens li tiddikjara li l-assi ereditarju ta' Giuseppe Meli jikkonsisti fl-istabili u beni oħra dettaljati preċedentement tal-valur ta' £6383.8.6; tilqa' r-raba' talba u tiddikjara li l-leġittima spettanti lill-attriċi hija tal-valur

kompIessiv ta' £639.3.7½d u li bi ħlas u sodisfazzjoni tagħha għandhom jiġu assenjati lill-attriċi mill-konvenut Carmelo Meli l-beni u s-sustanzi elenkati fil-para. XLVII, tar-relazzjoni peritali kif modifikat minn dina l-Qorti, flimkien mal-frutti msemmija fil-para. XLVIII u mal-kumpens pagabbili mill-Gvern skond il-para. XLIX tal-istess relazzjoni, — tiċħad l-istess talba għall-kumplament għar-rigward tal-allegata lesjoni tal-leġittima — tinnomina lin-Nutar Conti Carmelo Chapelle Paleologo biex jippubblika l-att relativ fl-1 ta' Frar, 1967, fit-3.00 p.m. fl-edifizju ta' dina l-Qorti u lill-Avukat Giovanni Bonello, biex jirrappreżenta l-kontumaċi.

L-ispejjeż, barra dawk li ġew preċedentement provduti, għandhom jitħallsu mill-konvenut Carmelo Meli, ad eċċezzjoni ta' dawk li jirrigwardaw id-domanda tal-lesjoni tal-leġittima, li għandhom jibqgħu a kariku tal-attriċi.

Jibqa' riservat għall-motivi premessi favur l-attriċi kwalunkwe dritt li jista' jkollha fuq il-fondi ndikati aktar 'il fuq f'dina s-sentenza bl-ittri "a" sa "h" inklusivament.